Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

Il- Ħamis, 6 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.10pm

## 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

33.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 33.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti

33.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tnejn u Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

33.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 33.3 Komunikazzjoni mis- Sindku

33.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hekk kif l-Mdina saret tiffurma parti mir- Regjun tal-Punent huwa kellu laqgħa informali mal-President tar-Reġjun rigward il-possibilita' li s-sede tar-Reġjun jiġi ospitat fit-Torre dello Standardo.Hemm l-interess min naħa tar-Reġjun u aktar 'l quddiem serjiġu bi proposta.

33.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hekk kif il-manutenzjoni fuq id-dwal li jinsabu fi Howard miexi wasal iz-zmien li l-bollards tad-dawl jinbidlu. Huwa kien ta' l-opinjoni li l-Kunsill jibda jara x'hawn fis-suq u 'l quddiem tinħareġ sejħa għal-offerti biex dawn jinbidlu.

33.3.3 Is- Sindku talab lis SE biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet biex jerġgħu jinsebħu l-dustbins li hawn ġewwa l-Mdina għaliex mhuiex kuntent bix-xogħol li kien sar fis-sajf li għadda.

33.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-bridge ta' l-Istazzjon għaddej b'rtimu mgħaġġel kif ukoll il-proġett tal-bandli fid-daħla ta' l-Mdina.

## 33.4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Lulju sa Settembru 2021

33.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Lulju sa Settembru. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

33.4.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

## 33.5 Performance Bonus għas- Sena 2021 lis- Seg. Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali

33.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2021 fir-rigward tas- Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ddiskuta r-rapport tas-Segretarju. F'dan il-ħin is- SE kien skuzat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Is- Sindku nforma lis- SE illi l-Kunsill approva performance bonus ta' 10%

33.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2021 fir-rigward tas- Sna Clare Camilleri, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s-Sna. Camilleri tingħata performance bonus ta’ 6%.

33.5.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2021 fir-rigward tas- Sur Francesco Scicluna, impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sur Scicluna tingħata performance bonus ta’ 6%.

**33.6 Ilmenti u Items Oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill.**

33.6.1 Cirkulari SPI/SCI/9/2021- Skema għall- attivitajiet kulturali annwali 2022- Il-Kunsill ser japplika.

33.6.2 MESD- Installazzjoni ta’ Charging Pillars- Il-Kunsill bgħat is-sġġerimenti tiegħu fejn dawn jistgħu jitwaħħlu ġewwa l-Mdina.

33.6.3 Ittra mingħand Legio X Fretensis Malta- Talba biex issir attivita’ ta’ re-enactment ġewwa l-Mdina.

33.6.4 Malta Film Awards- Il-Kunsill ser japplika għal Best Film Location Award.

33.6.5 Il-Kunsill wara r-rizenja tas- Sur Clifford Galea bħala kuratur ta’ Casino Notabile minħabba li ngħata l-kariga ta’ President għar-Reġjun Tramuntana nnomina lil- Kunsilliera Marann Sultana biex tibda tieħu ħsieb hi dan il-post storiku. Is- Sna Sultana aċċettat din in-nomina.

33.6.6 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra applikazzjoni għal Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 mid- Direttorat għal Gvern Lokali, Strategija u Implimnetazzjoni ta’ Policy.

33.6.6.1 Is- Sindku kien ta’ l-opinjoni li bħala Kunsill napplikaw allavoja hemm il-problema tal-pandemija. Għaldaqstant huwa kien qed jipppproponi li gejn ssoltu din l-attivita ssir għal ħabta ta’ April din id-darba ssir f’ Gunju forsi l-pandemija tkun ittaffiet. Huwa ssuġerixxa li ssir nhar is- Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta’ Ġunju 2022.

33.6.6.2 Il- Kunsill approva

**33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ pagamenti**

33.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li jġibu d-data tas- 6 ta’ Jannar 2022 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 28,542.18

33.7.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**33.8 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

32.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 5.07pm u ġiet aġġornata għas- 7 ta' Frar 2022 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___7 ta' Frar 2022__